


IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 26 - **NOVEMBRU 2014**


# editorjal

Filwaqt li din is-sena ftakarna fil-50 sena ta' Malta Indipendenti, fl-40 sena ta' Malta Repubblika, fil-35 sena ta' Malta Ħielsa u fl-10 snin ta' Malta fl-Ewropa, insejna anniversarju importanti ieħor u iktar antik minn dawn kollha: dan huwa t-80 sena minn mindu l-Malti flimkien mal-Ingliż ħadu post it-Taljan bħala l-ilsna uffiċjali tal-pajjiż. Mela l-2014 tiċċelebra wkoll it-80 sena minn mindu l-Malti ma baqax jitqies bħala "l-ilsien tal-kċina" u tal-poplu bla skola imma ttella' għal-livell xieraq wara Kwistjoni tal-Lingwa taħraq ferm fis-snin 20 u 30 tas-seklu li għadda. Dan kien żmien meta kittieba u poeti kbar bħal Dun Karm Psaila, Ġużè Chetcuti, Ġużè Delia, Anastasju Cuschieri, Ġużè Aquilina, Nikol Biancardi u bosta oħrajn iddeċidew li jibdew jiktbu bil-Malti biex jgħolluh għal livell letterarju u juru li dak tagħna kien ilsien li ma għandu xejn inqas minn ilsna ikbar minnu bħat-Taljan u l-Ingliż.

Dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u s-sistema l-ġdida ta' għażla tal-finalisti nista' ngħid li minn naħa tista' tidher innovattiva, imma leħen ġo fija jgħidli li huwa mod iktar komdu kif il-maġġoranza tal-kotba parteċipanti jitwarrbu bil-pulit fi żmien qasir biex b'hekk il-ġurija tiffoka bla diffikultà fuq is-soltu ismijiet li drajnihom jirbħu minn sena għal oħra. Sistema iktar demokratika tista' tkun dik fejn il-punti lill-kotba parteċipanti fil-Premju jingħataw kemm minn grupp ta' nies kwalifikati u kompetenti - kif iseħħ illum minn ġurija "esperta" -, imma anki minn għadd ta' qarrejja magħżula minn fost il-pubbliku in ġenerali - u din tkun il-ġurija popolari. Dan jista' jseħħ permezz ta' skema partikolari flimkien mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi fejn il-pubbliku jiġi mħajjar jaqra kotba li jkunu qed jipparteċipaw fil-Premju ta' dik is-sena u fuq formola apposta jagħti l-ġudizzju tiegħu skont għadd ta' kriterji speċifiċi. Il-pubbliku iktar jibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq jekk ir-rumanz jew ktieb għoġbux jew le milli fuq l-isem ta' min kitbu jew id-dar tal-pubblikazzjoni in kwestjoni.

Infakkar li għal din is-sena l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jsir fid-Dar tal-Mediterran fil-Belt bejn it-12 u s-16 ta' Novembru. Il-ktieb huwa wieħed mill-isbaħ rigali li wieħed jista' jagħti. Infakkar ukoll li din tkun okkażjoni tajba biex wieħed jixtri għadd ta' kotba bi prezz tajjeb bħala rigali għall-Milied li ġej li mhux 'il bogħod ħafna.

Kif qed taraw IL-PONT ingħata dehra ġdida biex jiftaħ is-sett ta' 25 ħarġa li jmiss. Għandu wkoll iktar paġni. Dan biex iżomm mal-pass taż-żminijiet. Minn hawn ħajr lil Hilary Spiteri għad-dehra ta' IL-PONT.


**sammutpatrickj@gmail.com**

# l-aħbarijiet

## MNIEDI KTIEB TA' POEŻIJI F'MATER DEI

Nhar l-24 ta' Settembru 2014, fis-Sala Ewlenija ta' *Mater Dei* tnieda l-ktieb ta' poeżiji *Another Seeing* tal-poetessa Skoċċiża li tgħix Malta, Lucilla Maclaren Spillane. L-okkażjoni saret bil-kollaborazzjoni tal-*Caritas Malta Epilepsy Association* u tal-Għaqda Poeti Maltin u fil-preżenza tal-President ta' Malta, l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca. Waqt din il-lejla nqraw numru ta' poeżiji mill-ġabra msemmija, l-ewwel bl-ilsien oriġinali, l-Ingliż, u wara bil-Malti. Kemm il-qari kif ukoll it-traduzzjonijiet ġew afdati lil numru ta' poeti, akkademiċi u anki membri tal-Għaqda Poeti Maltin. Saru diskorsi mill-President ta' Malta, minn Dr Martin Spillane, Dr Simon Mercieca, il-President u s-Segretarju tal-Għ.P.M., Charles Magro u Salv Sammut rispettivament, mis-Segretarju tal-CMEA, u l-poetessa Lucilla Maclaren Spillane. Il-lejla tmexxiet mill-U.R.P. tal-Għ.P.M., Miriam Ellul, u s-Sur Alex Manché pprovda l-intervalli mużikali permezz tal-pjanu. Wara kien hemm riċeviment fejn dawk preżenti setgħu jiltaqgħu mal-poetessa li ffirmat kopji tal-ktieb. Għall-okkażjoni ttellgħet wirja fil-*foyer* ta' *Mater Dei* b'numru ta' poeżiji minn *Another Seeing*. Dan kollu biex titqajjem iktar kuxjenza u għarfien dwar il-kundizzjoni tal-epilessija.



**Waqt matul il-Lejla ta' Tnedija tal-ktieb *Another Seeing f' Mater Dei*.**

## IMNEDIJA BLOG ĠDIDA MINN AWTUR ŻAGĦŻUGĦ

Il-poeta Omar Seguna għadu kemm nieda l-blog *Omar Seguna Poetry*. L-għanijiet ta' dan is-sit huma tnejn: li l-poeta joffri għażla tax-xogħlijiet tiegħu, l-aktar il-poeżija, miż-żewġ kotba ta' poeżija li ppubblika, jiġifieri *Mal-Ħoss Qawwi tar-Ragħad* (2001) u *24, Triq Ħad-Dwieli* (2009); li wieħed ikun jista' jisma' l-poeżija u jitpaxxa biha u anke jabbona għall-*podcasts* ta' xi wħud mill-poeżiji. Il-*Podcasts* huma fajls diġitali li wieħed jista' jabbona għalihom b'xejn permezz tal-internet, u jismagħhom jew jarahom (f'dan il-każ jismagħhom) permezz tal-kompjuter, *tablet*, mobajl jew apparat ieħor. Wieħed jazzarda jgħid li din hija kważi, jekk mhux l-ewwel darba, li poeta qed ixandar il-poeżija b'dan il-mod. Il-vantaġġ tal-*podcast* fuq xandir *live* huwa li wieħed jista' jisma' l-poeżija kemm-il darba jrid. Vantaġġ ieħor huwa li l-poeta jista' jikkomunika b'mod ħieles, daqslikieku qiegħed fil-ħanut tal-kafè jew fil-pjazza tar-raħal. Il-blog jinstab f'dan l-indirizz: http://omarseguna.blogspot.com/ Wieħed jista' jabbona għall-podcasts billi jagħfas fuq il-ħolqa: http://feeds.feedburner.com/OmarSegunaPoetryPodcasts

## BIBLIJOTEKA TAL-ĠEJJIENI

L-artista Skoċċiża Katie Paterson ħarġet bl-idea li kull sena għal dawn il-mitt sena li ġejjin kittieb magħruf jiġi mistieden biex jikteb ktieb li ma jista' jinqara minn ħadd qabel l-2114. Il-manuskritti kollha jiġu stampati wara mitt sena fuq karta magħmula minn elf siġra miżrugħa apposta għal din l-inizzjattiva - Foresta tan-Nordmarka ta' Oslo - fin-Norveġja. L-ewwel kittieba magħżula għal dan il-proġett hija l-Kanadiża Margaret Atwood - 74 sena - li diġà bdiet tikteb ktieb li se tgħaddi lill-Biblijoteka tal-Ġejjieni f'ċerimonja uffiċjali fl-2015. Intant il-manuskritti "sigrieti" se jkunu mgħassa ġo kamra fil-biblijoteka pubblika ta' Deichmanske li se tiftaħ fl-2018 f'Bjørvika, Oslo.

## REBBIEĦ ĠDID GĦALL-PREMIO CAMPIELLO 2014

Għal din is-sena l-*Premio Campiello* - imtella' mill-Confindustria f'Venezja - ingħata lill-kittieb Milaniż ta' 33 sena Giorgio Fontana għar-rumanz tiegħu *Morte di un uomo felice* (Sellerio) li jirrakkonta s-snin sebgħin u l-bidu tas-snin tmenin, snin ta' vjolenza fil-pjazez u ta' terroriżmu, magħrufa bħala "gli anni di Piombo" fl-Italja. Din kienet it-52 edizzjoni ta' dan il-premju letterarju prestiġjuż. Mal-aħbar tajba, Fontana wieġeb hekk: "Nieħu dan il-premju bħala sinjal ta' fiduċja f'dak li se nikteb fil-ġejjieni."

# l-aħbarijiet

**ANDREA CAMILLERI JAGĦLAQ 89 SENA**

Fis-6 ta' Settembru li għadda r-Rai ċċelebrat bil-kbir id-89 sena tal-kittieb Sqalli Andrea Camilleri li għamel suċċess kbir l-iktar permezz tas-serje li fiha l-protagonist huwa l-kummissarju Salvo Montalbano. Dan ir-Rai għamlitu billi wriet il-film dokumentarju "Il Maestro Senza Regole" fuq Rai 1 li matulu ntbagħtu ruxxmata messaġġi min-naħa tal-ispettaturi u *fan* tal-kittieb l-iktar permezz ta' *Twitter*. Fil-kitbiet tiegħu Camilleri jirnexxilu jorbot b'mod brillanti t-Taljan mad-djalett Sqalli, filwaqt li ma jonqsux waqtiet ironiċi tipiċi tal-awtur. Camilleri biegħ 30 miljun ktieb, u x-xogħol tiegħu nqaleb f'35 ilsien differenti. Camilleri ammetta wiċċ imb wiċċ ma' Teresa Mannino, l-attriċi li mexxiet il-programm, li kull filgħodu malli jqum iqaxxar il-leħja u jilbes pulit daqslikieku kien ħiereġ għax-xogħol. Ma jafx jikteb jekk ma jagħmilx hekk. Fakkar ukoll li d-drammaturgu u rumanzier Sqalli Luigi Pirandello kien jiġi minnu.



**Il-kittieb Sqalli Andrea Camilleri.**

**IMUT IL-FUNDATUR TAL-"LONDON REVIEW OF BOOKS"**

Nhar is-26 ta' Settembru miet Karl Miller, il-fundatur tar-rivista prestiġjuża "London Review of Books" li huwa waqqaf fl-1979 flimkien ma' numru ristrett ta' intellettwali. Miller, ta' għeruq Skoċċiżi, huwa meqjus bħala missier il-kritika letterarja moderna u kien Professur tal-Letteratura Ingliża fil-College University ta' Londra. Rebaħ il-*James Tate Black Memorial award*, wieħed fost l-iktar premji letterarji antiki u prestiġjużi mogħti għal kotba bl-Ingliż. Kiteb bosta saġġi ta' natura ġurnalistika u letterarja u anki għadd ta' bijografiji ta' kittieba tal-epoka moderna. Il-"London Review of Books" hija rivista li fiha wieħed jaqra reċensjonijiet, aħbarijiet, antiċipazzjonijiet editorjali, xogħlijiet mhux ippubblikati u ħwejjeġ oħrajn. Miller baqa' direttur responsabbli ta' din ir-rivista sal-1992. Ħa ukoll ħsieb il-paġni letterarji tal-i*Spectator* u tal-*New Statesman*. Bejn l-1967 u l-1973 kien direttur tar-rivista tal-BBC *The Listener*. Fi żmien 50 sena huwa biddel il-panorama editorjali u ta l-opportunità li bosta talenti mhux magħrufa. Huwa kellu 83 sena.



**Il-kittieb, editur u kritiku letterarju Karl Miller.**

***FACEBOOK* U L- KOTBA LI ĦALLEW L-IKBAR IMPATT FUQ IL-QARREJJA**

Kull min qiegħed f'*Facebook* jaf li għamel żmien idur l-istatus "List 10 books that have stayed with you in some way." Ir-riċerkaturi Lada Adamic u Pinkesh Patel ġabru iktar minn 130 elf status ta' dan it-tip. In-nisa ħadu sehem tliet darbiet iktar mill-irġiel u l-età medja tal-parteċipanti kienet ta' 37 sena. Fost il-kotba li ħallew impatt: is-serje ta' *Harry Potter*, *To Kill a Mockingbird* ta' Harper Lee, *The Catcher in the Rye* ta' J.D. Salinger, *Little Women* ta' Louisa M. Alcott, *Lord of the Flies* ta' William Golding. Dawn u ħafna oħrajn ħallew impatt fuq il-qarrejja żgħażagħ. Kotba oħrajn imsemmija huma *1984* ta' George Orwell, *The Lord of the Rings* ta' JRR Tolkien, *Pride and Prejudice* ta' Jane Austin, il-*Bibbja, The Hitchhiker's Guide to the Galaxy* ta' Douglas Adams, u t-triloġija *The Hunger Games* ta' Suzanne Collins.

# l-aħbarijiet

**ATTIVITAJIET VARJI IFAKKRU LIL DUN KARM PSAILA**

Fis-17 ta' Ottubru d-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kumitat Festi Nazzjonali tellgħu ċerimonja għat-tfal tal-iskejjel li fakkret lil Dun Karm Psaila. Iċ-ċerimonja saret maġenb il-monument tiegħu fil-Furjana. Saru korteo mill-iskola Primarja tal-Furjana sal-mafkar, u ċerimonja li matulha sar qari ta' poeżiji mill-istudenti u tqiegħdu fjuri mal-monument. Saru wkoll diskorsi mill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, Evarist Bartolo, u mid-Direttur Ġenerali għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni, is-Sur Ian Mifsud. Il-kantanta Doreen Galea kantat xi poeżiji ta' Dun Karm, bil-mużika oriġinali tal-kompożitur Dominic Galea.

Nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru, fil-Palazz ta' Sant'Anton, Ħ'Attard, saret serata kommemorattiva organizzata mill-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Akkademja tal-Malti. Inqara diskors tal-okkażjoni mill-poeta Achille Mizzi li tkellem dwar il-Poeżija Maltija wara Dun Karm. Il-Prof. Oliver Friggieri se tkellem dwar is-sinifikat tal-versi tal-Innu Nazzjonali fi żmienna. Fl-istess serata ħa sehem ukoll il-kor Għawdxi "Chorus Urbanus" taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea u kien hemm qari ta' poeżiji ta' Dun Karm

Attività oħra saret fis-Sala tal-Ministeru t'Għawdex nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru bl-inizjattiva tal-Kumitat Festi Nazzjonali flimkien mal-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali t'Għawdex u mal-Akkademja tal-Malti.

**Il-PREMJU NOBEL GĦAL-LETTERATURA 2014**

Din is-sena l-Premju Nobel għal-Letteratura ngħata lill-kittieb Franċiż Patrick Modiano. Ix-xogħlijiet tiegħu spiss jesploraw it-trawmi tal-okkupazzjoni Nażista fi Franza u jittrattaw it-temi tal-memorja, it-telfa u l-kumplessitajiet tal-identitajiet. Il-Premju Nobel jiswa 1.1 miljun dollaru Amerikan. Modiani ppubblika madwar 30 xogħol differenti, inklużi rumanzi, kotba għat-tfal u drammi. Kiseb il-fama fl-1968 bir-rumanz *La Place de l'Étoile*. Ħafna mix-xogħlijiet mistħajla tiegħu huma ambjentati f'Pariġi tat-Tieni Gwerra Dinjija. Modiani ma tantx hu magħruf barra min Franza minkejja li mat-12-il xogħol tiegħu ġie tradott fl-Ingliż. Fost ix-xogħlijiet magħrufa tiegħu, *Missing Person* (verżjoni tradotta għall-Ingliż, 1980), *Dora Bruder* (1997), u *Out of the Dark* (verżjoni bl-Ingliż, 1998). Modiano twieled fit-30 ta' Lulju 1945 f'Boulogne-Billancourt, subborg ta' Pariġi.



Il-kittieb Franċiż Patrick Modiano.

**PIERRE J MEJLAK FOST IR-REBBIEĦA TAL-PREMJU GĦAL-LETTERATURA TAL-UE**

Il-kittieb emerġenti Għawdxi Pierre J Mejlak (t. 1982) huwa t-tieni Malti li qed jingħata l-Premju għal-Letteratura tal-Unjoni Ewropea, wara li fl-2011 l-istess premju kien ingħata lill-kittieb Immanuel Mifsud. Mejlak huwa kittieb ta' rumanzi u rakkonti, u din is-sena rebaħ dan il-premju Ewropew prestiġjuż għall-ġabra ta' stejjer tiegħu *Dak li l-Lejl Iħallik Tgħid* (2011). Il-premju tħabbar waqt il-Fiera tal-Ktieb fi Frankfurt kmieni f'Ottubru mill-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni, il-Kultura, il-Multilingwiżmu u ż-Żgħażagħ, Androulla Vassiliou. *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita* (2009) hija l-ewwel ġabra ta' stejjer ta' Mejlak u tittratta temi bħan-nostalġija, il-gideb, is-solitudni u l-imħabba. Storja minn din il-ġabra, *Nixtieq Ngħajjat lil Samirah* rebħet is-*Sea of Words European Short Story Award* fl-2009. Pierre J Mejlak hu anki awtur tar-rumanz *Riħ Isfel* (2007) u jippubblika mal-*Merlin Publishers.*

# Yana Psaila



***Yana Psaila** ggradwat mill-Università Statali ta' Tomsk (Russja) bħala Lingwista-Lettriċi b'Maġisteru fit-Teorija u l-Metodoloġija tat-Tagħlim tal-Lingwi u l-Kulturi Barranin.*

*Ilha tgħix f' Malta għal dawn l-aħħar 10 snin. Il-Malti sar għaliha t-tieni lsien nattiv tagħha. Minn tfulitha tikteb il-poeżiji u għandha xogħlijiet letterarji ppubblikati f'diversi rivisti. F'dawn l-aħħar snin hija kitbet sew bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti u nħatret membru fl-Għaqda Poeti Maltin. Hija wkoll l-awtriċi tal-frażarji Russu-Malti u Malti-Russu, xogħlijiet oriġinali għall-gżejjer Maltin.*

**Fejn u meta twieldet in-namra tiegħek għall-qari u l-kitba tal-poeżija?**

Ilni nikteb minn tfuliti. Insiġt l-ewwel poeżija meta kelli 5 snin. Kienet dwar il-festa pubblika taż-żmien tal-Unjoni Sovjetika u għadni niftakarha bl-amment. Komplejt nikteb u ta' 12-il sena ppubblikajt għall-ewwel darba l-kitba-appell fir-rivista Russa li kienet toħroġ dak iż-żmien favur il-ħarsien tal-annimali. Però biex ngħid il-verità qatt ma kont naqra l-poeżiji qabel ħlief dawk tas-sillabu tal-iskola, u aktar kont midħla tal-proża klassika. L-affarijiet inbidlu meta ssettiljajt hawn f'Malta u bdejt nattendi għall-korsijiet ta' filgħaxija biex nipprepara għall-eżami tal-Malti fil-livell Ordinarju u dak Avvanzat. Minn hemm bdiet in-namra għall-qari tal-poeżija u mhux biss għax inħobb il-kitba bil-Malti f'kull għamla tagħha u l-ġeneru poetiku huwa l-għajn tal-kliem qadim u sabiħ li ma tantx jintuża fit-taħdit ta' kuljum, iżda għax kont matura biżżejjed biex verament nifhem l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tal-poeta minsuġin fil-versi tiegħu.

**Naf li x'imkien f'ħajtek hemm rabta u sens ta' kontinwità bejn il-qari u l-kitba tal-poeżija bir-Russu, ilsien art twelidek, u l-qari u l-kitba tal-poeżija bil-Malti. Xi tgħid dwar dan?**

Iva, vera, qatt ma waqaft nikteb. Meta ġejt noqgħod f'Malta 10 snin ilu komplejt nikteb bl-Ingliż għalkemm dejjem xtaqt nesprimi ruħi bil-Malti u ħsibt li mhux se jirnexxili. Peress li nħobb nikteb bir-rima li aktarx tkun imqabbża (meta kull tieni vers jaqbel fit-tarf), kelli bżonn il-vokabularju mentali għani biex ikolli mnejn nagħżel mhux biss kelma b'ċerta tifsira iżda ta' xi sura partikolari ħalli tiġi rrimata. Dan kollu jkun imsejjes fuq l-għarfien tal-lingwa aktar profond milli jeħtieġ għat-taħdit komuni. U dik il-ġurnata waslet! Niftakar ċar li l-ewwel kitba tiegħi bil-Malti ġietni meta kont nistudja waħda mill-poeżiji ta' Dun Karm Psaila li impressjonatni bis-sbuħija tad-deskrizzjoni tan-natura waqt inżul ix-xemx.

**Xi tgħid dwar l-involviment tiegħek f'għaqdiet bħall-Għaqda Poeti Maltin u oħrajn? Kemm jgħinek dan biex ittejjeb u ssaħħaħ il-prodott tiegħek fil-qasam tal-poeżija bil-Malti u anki fil-qasam tal-ilsien Malti?**

Dal-aħħar isseħibt fl-Għaqda tal-Malti u s-sena ilu sirt ukoll membru tal-Għaqda Poeti Maltin.

Yana Psaila

Meta applikajt bl-ewwel tliet poeżiji li ktibt bil-Malti kelli ferħa bla temma li huma għaddew mill-iskrutinju fuq il-bażi tal-livell letterarju tagħhom tajjeb u b'hekk stajt nissieħeb ma' din l-Għaqda! Għaldaqstant iżjed emmint fija nnifsi, komplejt nikteb u seba' xhur wara ħriġt anki ġabra poetika ċkejkna, L-IMĦABBA TAL-ISTILLA POLARI. Ħadt ħafna gost li żewġ poeżiji minn dan il-ktejjeb inqraw mill-atturi waqt il-Festival tal-Arti f'Malta din is-sena fit-taqsima "Artisti Emerġenti Maltin". Is-serati ta' Poeżija u Mużika li ttella' l-istess Għaqda f'diversi lokalitajiet mhux biss jagħtuni pjaċir estetiku bħal kull attività kulturali iżda jnisslu fija l-ispirazzjoni għal aktar kitba. Meta nisma' x-xogħlijiet moqrija mill-poeti tista' tolqotni xi kelma partikolari li tnebbaħni mbagħad għall-kitba sħiħa. Bla dubju ta' xejn il-poeżija tikontribwixxi ukoll għall-għarfien tajjeb tal-ilsien Malti għax ġieli tkun l-għajn tal-kliem Malti qadim li ma jinstabx f'xi ġeneru ieħor illum il-ġurnata.

**Xi tgħid dwar l-aspett mużikali tal-poeżija u tal-ilsien Malti? Kemm tagħtihom importanza lil dawn iż-żewġ aspetti fil-versi tiegħek?**

Is-sens ta' mużikalità huwa kruċjali għalija mhux biss għax ir-rima toħloq vibrazzjoni u b'hekk il-poeżija tikseb il-kwalitajiet tal-mantra peress li tagħmel ċertu effett fuq il-psikika, iżda għax fuq kollox ma nafx nikteb mod ieħor. Naħseb ir-rima qiegħda fil-kodiċi ġenetiku tiegħi għax hija tradizzjonali għall-poeżija Russa u l-pożizzjonijiet tagħha għadhom b'saħħithom waqt li fil-kumplament tad-dinja jiddomina l-vers ħieles illum il-ġurnata. Nippreferi nikteb bil-Malti għax huwa lsien sabiħ u għani mimli sinonimi ġejjin mill-elementi differenti tiegħu. Jekk ma tistax tirrima xi kelma Semitika tista' tipprova ssibha fil-verżjoni Romanza u xorta tibqa' Maltija! Biex toħroġ aħjar xi emozzjoni qawwija tista' tirrikorri għall-kelma ta' nisel Semitiku bil-konsonanti ħorox flok xi Romanza morbida u melodjuża. Nipprova nżomm ir-rima ukoll meta naqleb għall-Malti xi xogħol tal-poeta Russu. M'ilux bi pjaċir għamilt traduzzjoni tal-kitba ddatata fl-1832 tal-poeta kbir Russu Michail Lermontov għall-okkażjoni tal-200 sena minn twelidu fejn il-poeżiji tiegħu ġew moqrija fl-ilsna differenti tad-dinja f'Sankt Peterburgu, il-belt ta' kultura tar-Russja. B'hekk vrusu nstemgħu għall-ewwel darba bil-Malti fost lingwi oħrajn! Kif ukoll qlibt mir-Russu għall-Malti waħda mill-kitbiet tal-poeta leġġendarju Russu Yevgeny Yevtushenko għall-okkażjoni tal-miġja tiegħu f'Malta u interpretajtha waqt is-serata mtellgħa f'ġieħu fil-Kappella Russa, il-Palazz ta' Sant'Anton. Imbagħad ikkuntattjawni mill-mużew tal-poeta u kantawtur Russu Vladimir Vysotsky imwaqqaf fil-belt ta' Koszalin fil-Polonja biex naqleb għall-Malti xi xogħlijiet tiegħu għall-proġett internazzjonali fejn hu jiġi tradott għal xi ilsna tad-dinja għall-ewwel darba. Bħalissa qed naħdem fuq aktar traduzzjonijiet ta' xogħlijietu biex jekk Alla jrid toħroġ ġabra ċkejkna tal-poeżiji tiegħu bil-Malti għall-mużew imsemmi. Jiena nkun entużjasta ħafna bi proġetti bħal dawn għax jikkontribwixxu għat-tixrid tal-lingwa Maltija barra minn xtutna!

***QAMAR KWINTA***

Id-dawl tal-qamar ileqq f'dal-lejl ħemdieni
isaħħarni bis-sbuħija,
għalija ġmiel waħdieni!
U kemm-il darba ngħid bil-qalb ħerqana:
nixtieqek qamar kwinta
u jien pjaneta tagħna.
Għax kieku nirrifletti d-dawl tiegħek setgħan
f'kull baħar u f'kull oċean...
Minn ewl id-dinja ttina l-enerġija
ir-rabta l'hemm bejnietna wisq qawwija.
Għal dejjem nibqa' żgħira,
ma nafx x'inhi età,
għax din l-imħabba lejk
iżżommni fl-eternità.
Dur bija u sebbaħni bid-dawl t'għajnejk leqqien,
ħobbni bis-sħiħ u bħalma nħobbok jien...

**YANA PSAILA**

# reazzjonijiet

## Nazzarenu Zerafa

***E-mail mingħand Nazzarenu Zerafa - id-9 ta' Awwissu 2014 (L-Awstralja)***

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' din l-edizzjoni kurrenti ta' 'Il-Pont'. Bħas-soltu qrjat b'interess kbir l-editorjal tiegħek fejn ktibt dwar, 'Ir-rabta bejn il-poezija u l-gwerra' li qanqalli ħafna memorji u ħsibijiet.

Tnejn mill-isbaħ poeżiji li qatt qrajt dwar das-suġġett u li baqgħu dejjem imwaħħlin f'moħħi kemm għax forsi ninsab 'il boghod minn art twelidi, kemm mill-aspett storiku, kulturali kif ukoll patrijottiku, u kemm mit-tiġrib personali li għaddew minnu ommi u missieri u anki n-nanniet, huma dawk miktuba mill-poeta nazzjonali, Dun Karm, *Il-Għanja tar-Rebħa* u *Lil Malta - Wara Elfejn Attakk mill-Ajru*.

Għalkemm inkitbu u għadhom jinkitbu ħafna artikli u poeżiji dwar das-suġġett u għalkemm din ir-rabta għadha tqajjem u tevoka ħafna tqanqil, ħsus u emozzjonijiet, fil-fehma fqira tiegħi, l-ikbar dispjaċir li nħoss f'qalbi, u l-ikbar problema li hawn fid-dinja moderna hi, li l-bniedem għadu ma tgħallem xejn mill-konsegwenzi tal-gwerra. Meta l-bniedem ma jitgħallem xejn mill-iżbalji tal-passat, kienu fiex kienu, u ma jikkoreġix lilu innifsu, ma jista' qatt jimxi 'l quddiem. Fid-dinja kulħadd jiżbalja u kulħadd hu suġġett għall-iżball. Min jaħseb li qatt ma jiżbalja, diġà jkun qed jagħmel l-ikbar żball! Imma l-aktar ħaġa importanti hi li wieħed jikkoreġi u jitgħallem mill-iżbalji tal-passat. Jekk ma jagħmilx hekk, wieħed jibqa' dejjem fejn ikun, fl-*istatus quo*. Ma jistax jimpruvja. B'hekk għad illum hawn ħafna gwerer ta' ħerba, ta' mibegħda kbira, u ta' qtil bl-addoċċ ta' nisa, tfal u oħrajn innoċenti bla ebda rigward lejn il-ħajja ta' bniedem.

Ħu mill-kunflitt bejn Iżrael u l-Ħamas, u l-kunflitti l-oħra li hawn madwar id-dinja fil-ġurnata preżenti: dawn qatt ma/jew diffiċli wisq biex jaslu għall-paċi. U r-raġuni hi sempliċi. Darba Gandhi qal, "If we keep going an eye for eye, the whole world will turn blind". U veru. Aħseb u ara, jekk 'for one eye we go for six hundred eyes'. Illum sfortunatament hekk qed jiġri. Ħafna minn dawn li suppost qed imexxu, tant saru għamjin li ma jistgħux jaraw (jew aħjar ma jridux jaraw) is-soluzzjoni tal-problema. Darba wieħed qal, "If you can't see the problem (hi x'inhi), you cannot fix it".

Problema kbira oħra li nara jien fid-dinja tal-lum hi "iż-żerriegħa tal-mibegħda". Sfortunatament din iż-żerriegħa qed tiġi miżrugħa minn kmieni f'ħafna tfal innoċenti li jikbru f'ambjenti fejn ma jafux aħjar u għalhekk tinbet u tibqa' tikber f'qalbhom sa żgħożithom. Sfortunatament din iż-żerriegħa li l-iktar waħda iebsa biex tfarrakha, tisħaqha, tkissirha u teqridha. Jistgħu mhux isiru diskussjonijiet u laqgħat għal soluzzjonijiet ta' paċi! Ħasra u ħasra kbira.

Madankollu, wieħed jibqa' jittama! Jekk jitlef kull tama l-bniedem jispiċċa. Kultant it-tama hi l-unika ħaġa li jifdallu f'qalbu l-bniedem. Bla tama l-bniedem jiddispra u jitlef kull raġuni u jasal għal kollox u jagħma għal dak kollu li hu tajjeb u sabiħ u għal kull don li tah Alla u għal kull ħaġa li tagħmel sens. Jagħma għal kull soluzzjoni ta' paċi. L-unika soluzzjoni li jsib hi l-gwerra u l-qerda li ġġib magħha.

Nista' nibqa' nikteb u naqbad fuq problemi oħra bħar-"rgħiba għall-flus mill-bejgħ ta' drogi u/jew ta' armi" biex ma nsemmix "ir-rgħiba għall-poter iżda ma fadallix ħin u naħseb ġa ħadtlek rasek. Skużani li ktibt ftit fit-tul. Kultant għandi dil-problema jien; naqbad nikteb u ma nkunx nista' nieqaf, għax ħsieb iġib 'il-ieħor bħal reazzjoni katenika biex nispiċċa b'terminu 'gwerrus' jew 'gwerrali'. Ma naħsibx li jeżistu dal-kelmiet bil-Malti . . . .

Inselli ħafna għalik, ħabib,
Nazzarenu

**Nota tal-Editur:** Xi qarrej jista' jistaqsi, "Imma din l-ittra x'għandha x'taqsam mad-dinja tal-letteratura?" Apparti li hawn Nazzarenu Zerafa jibda billi jsemmi żewġ poeżiji mill-isbaħ tal-Poeta Nazzjonali, ħassejt li għandi nippubblikaha anki minħabba l-fatt li hija miktuba b'Malti mirqum u minn bniedem li jaħseb qatigħ. Wieħed jinnota wkoll ċerti idjosinkraziji lingwistiċi li jistgħu jirriflettu lil Zerafa bħala individwu, imma anki bħala Malti li ilu ħafna jgħix fl-Awstralja. Ma ninsewx ukoll li l-letteratura hija anki dik li b'xi mod jew ieħor tistieden lill-qarrej jirrifletti dwar dak li hu għaddej madwaru, u hawn Zerafa ma jonqosx jagħmel dan. Personalment inħoss li kitbiet ta' dan it-tip jagħmlu ġieħ lil ilsienna għax juru kemm huwa kapaċi jesprimi ħsibijiet u ħsus differenti bla ebda diffikultà. Ħajr lilek Nazzarenu Zerafa.

# ktieb mill-qrib

**KITARRI, TOMBLI U TEATRIN ta' Mario Azzopardi**
***Ricerka dwar l-aspetti kulturali tal-Maltin Awstraljani***

*Kitarri, Tombli u Teatrin* hu l-isem ta' ktieb li għadhom kif ippubblikaw flimkien l-Outlook Coop u ċ-Ċentru tad-Drama ta' Malta. L-awtur hu l-poeta, ġurnalist u pedagogu teatrali Mario Azzopardi, li ħadem fuq ir-riċerka fl-Awstralja fuq medda ta' sitt xhur fis-sena 2013. Ir-riċerka saret taħt l-awspiċji tal-ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Fir-riċerka tiegħu, Azzopardi sab, b'xorti ħażina, li l-aspett etniku tal-Maltin fl-Awstralja kontinwament sejjer lura u jidher li "wasal biex ikun obliterat." It-tielet ġenerazzjoni, dik tan-neputijiet ta' dawk l-eluf ta' Maltin li emigraw minn Malta fis-snin ħamsin-sittin tas-seklu għoxrin, ma turi l-ebda interess fl-għeruq nativi tagħha, skont Azzopardi. "Ħafna minn dan it-tort hu tal-ġenituri, li għażlu li jkellmuhom bl-Ingliż, bil-fehma li dak kien ikun ta' vantaġġ soċjali." Dan kien jagħmel sens sa ċertu punt, imma l-ulied qatt ma messhom tħallew jabbandunaw il-lingwa Maltija. Dan, fil-fatt, ma seħħx fost komunitajiet Taljani, Griegi, Serbi u oħrajn fl-Awstralja.

Il-kultura Maltija fl-Awstralja, jinnota Azzopardi, intlaqtet minn żewġ episodji serji. "Kien hemm l-għeluq tal-gazzetta *The Maltese Herald* ta' Lawrence Dimech, li dejjem stinka kemm felaħ għall-immigranti Maltin u mbagħad, minħabba n-nuqqas ta' użu tal-lingwa Maltija (fatt li ammettewh il-Maltin stess f'sondaġġ uffiċjali) l-istazzjon tal-SBS (*Special Broadcasting Services*) naqqas bil-qawwi x-xandiriet bil-Malti. Fl-SBS baqa' biss żewġ *producers* Maltin, Marlene Galea u l-awtur Joe Axiaq, li jiftakar żminijiet ħafna aħjar fl-SBS, meta kien hemm ingaġġati Maltin veterani bħal Richard Curmi u Victor Aquilina.

Id-divertiment tal-Maltin fl-Awstralja li joħroġ mir-riċerka ta' Azzopardi baqa' miexi fuq linja populista b'interess fir-riproduzzjoni tal-festi tal-patruni, il-logħob tat-tombla u xi kultant, fares it-tip tat-teatrin, kemm f'Melbourne kif ukoll f'Sydney. Hemm diversi baned imma, kif jirrimarkaw nies ta' ċertu sfond akkademiku, għad baqa' wisq għira u rari li kulħadd jiġbed ħabel wieħed.

Jidher, skont ir-riċerka ta' Azzopardi, li l-aktar aspetti importanti li baqgħu jeżistu huma l-kant tal-għana u xi kultant, rappreżentazzjonijiet tat-teatrin, fil-forma li f'Malta kienet popolari fis-snin ħamsin. "Minkejja li din hi forma antikwata ħafna," jgħid Mario Azzopardi, hi waħda mill-ftit attivitajiet etniċi li qed iżommu l-lingwa Maltija ħajja fl-Awstralja.

*Kitarri, Tombli u Teatrin* huwa miktub b'lingwa mexxejja u jifrex fuq madwar 200 paġna, għandu biblijografija mdaqqsa u hu mżejjen minn dokumentazzjoni fotografika abbundanti li tmur id f'id ma' dak li wieħed jaqra fil-kapitli ta' ġewwa. Il-ktieb huwa mqassam f'għaxar taqsimiet ewlenin, b'Daħla mill-Onor. Evarist Bartolo.

Il-ktieb jinkludi wkoll CD minn spettaklu b'mużika ta' Vince Puli u versi ta' Albert Marshall, ibbażati fuq xogħol ta' F.G. Lorca, *Yerma*.

*Kitarri, Tombli u Teatrin* jista' jinkiseb mill-pubblikaturi Outlook Coop (Tel: 21 44 1604; email: info@horizons.com.mt) jew mill-*Malta Drama Centre* (Tel: 21 220 665; email: malta.drama.centre@gov.mt)



# l-importanza tal-poeżija




**L-IMPORTANZA TAL-POEŻIJA FIL-ĦAJJA TAT-TFAL**

Naħseb li lkoll darba jew oħra qrajna xi *nursery rhyme* jew xi poeżija lil uliedna u rajna kif għajnejhom jixegħlu hekk kif moħħhom jaħrab bihom huma u jimmaġinaw l-istorja jew is-sitwazzjoni. Tiġini f'moħħi l-poeżija *Mario Bin Bronka* li konna naqraw fis-snin tal-iskola primarja. Arahom jimmaġinawh tiela' fuq siġġu, jiftaħ il-bieba tal-*cupboard* u jieħu l-kagħak waħda waħda sakemm itemmhom kollha. Għax it-tfal, minnhom fihom iħobbu l-brikkunati. Eżempji oħra huma *Lil Ommi* ta' Rużar Briffa, *Is-Sajjied* u *Il-Gideb ta' Toninu* - it-tnejn ta' Patri Anastasju Cuschieri - u tant u tant oħrajn. Min jaf għaliex baqgħu minquxin f'moħħna u f'qalbna hekk li għadna niftakru l-versi tagħhom bl-amment? Forsi għax xegħlulna l-immaġinazzjoni? Jew forsi għax nisslu fina sentimenti li għalkemm għaddew ħafna snin bqajna ngħożżuhom bħala parti mit-tfulija? Forsi għax stajna nirrelataw magħhom?

Michael Benton jgħid li l-poeżija toffri qari sabiħ u differenti lit-tfal għax mhux biss tipprovdi informazzjoni jew deskrizzjoni bħall-bqija tal-proża, imma wkoll tqanqal l-immaġinazzjoni tagħhom. Lit-tfal, il-poeżija ddaħħalhom fid-dinja tal-ħolm, dinja msaħħara, dinja li kull bniedem jixtieq li jgħix għal dejjem fiha.

Jien minn dejjem emmint li huwa ta' benefiċċju għat-tfal li jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-poeżija sa minn kmieni. Il-poeżija toffri lit-tfal użu mhux komuni ta' lingwa, forma u dehra friska li ssaħħar, tħajjar u tħabbeb. Ir-ritmu u r-rima huma sors ta' għarfien fonoloġiku u jġiegħlu lit-tfal jiftakruhom iktar minħabba l-melodija u l-armonija li joħolqu. Il-qari bl-għajn u bil-widna jagħtihom aċċess għal varjetà kbira ta' esperjenzi. Kien propju għalhekk li jien ħloqt *Naqraw u Nirrimaw*, sett ta' sitt kotba ta' poeżija/proża għat-tfal.

Meta moqrija fil-klassi u moqrija kif imissha, il-poeżija toffri spunt għal diskussjoni, toffri opinjoni, kif ukoll vokabularju iktar rikk u tagħrif iktar wiesa' u għalhekk hi sors aqwa ta' formazzjoni edukattiva għat-tfal infushom. Barra minn hekk tgħin ukoll biex it-tfal jitgħallmu t-teknika tal-qari, dik tat-taqsira, kif ukoll biex trawwem fit-tfal imħabba lejn il-qari li jkattru u jsostnu huma u jikbru għaliex ikun daħal sew fil-fibra tagħhom. Ħafna edukaturi jsostnu li dawk it-tfal li jaqraw, b'mod speċjali l-poeżija, huma dawk li l-iktar jirnexxu fil-ħajja għax moħħhom jinfetaħ u jiżviluppa b'rata iktar mgħaġġla.

Tfal li ma jħobbux jaqraw il-poeżija ħafna drabi huma wlied ta' ġenituri li huma tal-opinjoni li l-poeżija hi ħela ta' ħin, forsi għax il-ħin tagħhom huwa limitat u jkollhom prijoritajiet oħra, forsi għax huma stess meta kienu żgħar ma kinux familjari magħha, jew ma kinux jifhmuha u għalhekk ma kibrux iħobbuha. Illum, fortunatament, qed isir ħafna biex il-poeżija tiġi ppreżentata lit-tfal b'mod iktar attraenti u frisk, kreattiv, multimedjali, b'mod li jqanqal kurżità, b'mod li jħajjar, kif wara kollox jixirqilha l-poeżija bħala waħda mill-forom tal-arti kkunsidrati bħala l-iktar eletti.

**THERESE PACE**

# il-poeżiji

**IX-XEBBA**

Ħarsu lejha l-irġiel
u ġmielha ammiraw
b'ilsienhom , b'għemilhom
min jaf kemm żbaljaw.

U qalu x'xorti għandu r-raġel
li tagħha se jkun għarus
żgur gustuż ħafna
jew mimli  flus.

Iżda l-ammirazzjoni lejha ntilfet
u belgħu kliemhom lura
hekk kif raw lil dix-xebba
ma' ġuvni b'ġilda skura.

**KEVIN TANTI**

**FJAMMA MALTIJA**

Int Reġina O Malta tagħna
aħna naħal insegwuk
f'din ix-xehda bnina għasel
aħna lesti li nħaddnuk.

Inti Omm għal min iweġġħek
int oħt għal min ifarrġek,
melodija għal min ilissnek
martri għal min ikasbrek.

F'benntek hemm il-Fjamma tħeġġeġ
tal-ilsien li ma jmut qatt.
Fjamma tkebbes bl-oħla ġmielha,
nar li jissiġilla l-patt.

Din il-Fjamma nkomplu nkebbsu
tal-patt ġdid ta' dan l-ilsien
illi jidentifikana
u jħeġġeġ in-nirien.

Fjamma ħelwa tax-xemx bnina
illi ddawlek ta' kuljum
turi d-dehbi ta' ġo qalbek
u kuraġġ b'deffa ta' iljun.

Int issaħħar lill-barrani
bis-swar qierħa, qalbenin
li jirrakkontaw storjietek
u l-qlubija tal-Maltin.

Int Regina O Malta tagħna
fik il-għaxqa, fik is-sliem.
Għalkemm int suritek żgħira
qalbek qatt ma ssib it-tmiem.

**JOSEF BORG**

**A SUMMER'S LOVE**

In the middle of the summer
her heart yields from Love.
This is something unexpected.
She wished: "It will go soon,
it will disappear".
She closed her eyes wishing good-bye
to the August etesian winds.
Autumn came and love stays yet
in the same place.
"Come" beckons her.
"Follow me. Trust me".
Yields her heart light,
cheated out of lust and sweetness.
"Until you leave" she thought,
"I want to live with my dream".
And she followed tile tracks
that her yearning leaves
behind on the seashore
of the temporary happiness…

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Greċja***

**RISVEGLIO**

Un brusco risveglio
dopo questo incanto
un sapore amaro
per un sogno infranto

Ho realizzato adesso
con l'alba alle porte
il mio vero rimpianto

**ALESSIO STRETTI**
***L-Italja***

# il-poeżiji

**RAJT KRISTU MA JEMMINX**

rajt kristu ma jemminx,
il-ħajja frosta,
għexha jibki u jixher, waħdu, waħdu.
ġismu ntela' bl-infafet u l-materja,
tilef ix-xogħol, tilef ħafna minn saħħtu,
u ma sar jemmen b'xejn.
kien jgħix jgħodd jiem imqasqsa, jiem imħażża,
ma' kalendarju mxengel, b'tarf imgerrem,
li fuqu immarkawlu l-antenati.
kristu li ma jemminx, wasal li jċedi,
u xtaq li ruħu ttir maċ-ċawl u l-isqra.

**MARIO GRISCTI**

**PRISON HAIKU**
**Written after a visit to Coradino Prison, Malta**

A prison is just
a fortress, turn'd inside out,
the enemy within.

Gull glides overhead.
On high wall, bathed in sunlight,
a single shadow falls.

Through the prison bars,
the sound of children at play,
strangely innocent.

**MARTIN G. SPILLANE**

**OMOSESSWALI**

M'iniex omosesswali
u nixtieq kulħadd kien bħali!

"Mma jien min jien
biex ngħid u niddeċiedi
il-bniedem x'għandu jkun?

Ħalli nkun jien kaptan tad-dgħajsa tiegħi,
u nħalli lill-oħrajn,
kulħadd iriegi t-tmun tal-barkun tiegħu.

Jaslu jew ma jaslux sa port is-sliem?
M'iniex l-imħallef tagħhom,
u lanqas għandi kliem,
sabiex nagħmel ġudizzju.

Ma nasal qatt biex ngħid x'se jkun għalihom,
il-prezz tas-sagrifiċċju.

**CHARLES MIFSUD**

**QTL89**

***By stepping into this room, somewhere in the world one human being dies.***

...toqtol
niftakrek minn dejjem. Minn met'ntbaħt
li jdejk fihom għaxart iswaba'
niftakrek tibjad bil-mistħija.
*Stajt qtilt seba' mhux wieħed.*
U l-qagħda ta' ġismek
tgedwidhieli l-istorja tal-iġsma maqtula.
U nintilef f'diskorsok għax taf
tinseġ l-istejjer tal-bakketti,
tan-nani, tax-xagħar twil,
tal-bnedmin li jsiru nsetti
biex jistaħbew u
t'oħrajn li jsiru friefet biex jidhru jissieltu.

...titqatel
nafek minn dejjem. Minn meta demmek
beżqek 'il barra ili nafek tiħmar bl-għira.
Moħħok brimba b'għaxar saqajn.
Ġismek għanqbuta ta' ħarir riħa t'inbid maqtugħ.
*Dur dawra fija u duqni.*
L-ispiralli jduru f'moħħok-
wajer tat-telefon imħabbel- tarrxuk.
Titfixkel fihom u tibki bikja twila.
Għajnejk jilagħbu bija sakemm tintebaħ
li ġewwa fija, int, tarbija.

...tinqatel
darba niftakrek. Minn meta qtajt
sider ommok narak tiħdar bil-biża'.
*Wara l-mewt, tgħid, m'hemmx mewta oħra?*
Is-sħana tikwi tat-towster imkittfa
telgħatlek għal rasek u bbist.
Sulfarina oħra f'agunija moħlija.
Daqshekk qbiżt fl-ispazji battala tal-qtil
biex tobrox l-iżvastika fina.

**LEANNE ELLUL**

# minn fuq l-ixkaffa




***IT-TFAJLA TAL-BIKINI VJOLA* ta' Alfred Massa, Dom Communications Ltd. 2014.**

Dan huwa t-tnax-il rumanz ta' Alfred Massa, President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin u awtur ta' żewġ ġabriet poetiċi u Oratorju. Hawn naqraw dwar żagħżugħ Malti, Anton, li jilmaħ tfajla liebsa bikini vjola f'gallarija ta' flat ġo Birżebbuġa u jieħu grazzja magħha. F'Londra, Margaret issir taf li sfat armla f'ħin bla waqt. Żewġha Peter instab mejjet misterjożament fil-karozza tiegħu. Dawn iż-żewġ stejjer jimxu flimkien sakemm fl-aħħar waħda tidħol fl-oħra. Dan iseħħ fi spazju ta' 233 paġna u 33 kapitlu. Bħal dejjem Alfred Massa jagħtina storja mimlija b'episodji romantiċi, kriminali u drammatiċi, miktuba fi stil mexxej u b'ilsien li jinftiehem bla ebda problema. Il-qarrej jiltaqa' wkoll ma' numru ta' pinzellati ta' folklor u storja ta' Malta, biex fl-aħħar mill-aħħar ikollu quddiemu rumanz li jagħti pjaċir u jgħallem fl-istess ħin.




***IL-VIŻTA APPOSTOLIKA TA' MONSINJUR PIETRU DUSINA F'GĦAWDEX FIS-SENA 1575* ta' Anton F. Attard, 2014.**

Dan il-ktieb ta' 127 paġna huwa dokument u rapport storiku, soċjali u reliġjuż importanti li Anton F. Attard qaleb għall-Malti mill-oriġinal bil-Latin. Huwa mogħni b'noti, kummenti u osservazzjonijiet min-naħa tal-istess awtur. Fl-Introduzzjoni ningħataw tagħrif dwar min kien Mons. Dusina u kif sab ruħu fil-Gżejjer Maltin: dan permezz ta' kitba tal-mibki John Bezzina. Fil-Kelmtejn Qabel Attard jgħid li ħadem kemm fuq il-kopja tal-Kan. Garroni li teżisti fil-Biblijoteka ta' Għawdex (li kellha bosta nuqqasijiet) u kemm fuq it-traskrizzjoni professjonali li ppubblikat l-Università ta' Malta, li l-edituri tagħha kienu P. George Aquilina, O.F.M., u l-Prof. Stanley Fiorini. Naqraw dwar l-importanza li kellha l-Knisja l-Kbira tal-Kastell anki fis-seklu 16. F'partijiet oħra naqraw dwar il-knejjes tar-Rabat u dawk rurali, imma anki dwar l-interrogatorju, twissijiet, struzzjonijiet, pieni u maħfriet, flimkien ma' inventarju u introjti minn proprjetà. Kollox f'rabta mal-Gżira ta' Għawdex.




***MEJT* ta' Anton Grasso, Pubblikazzjoni Horizons, 2014.**

Din hija edizzjoni riveduta tat-tnax-il volum ta' stejjer ta' Anton Grasso. Hawn insibu ħames rakkonti tal-waħx li jifirxu fuq 127 paġna. Għal darb'oħra Grasso jagħtina għażla ta' stejjer fejn il-biża' jidher f'forom differenti. Ilaqqagħna ma' karattri bħall-bniedem tat-triq, li nafuh u nkellmuh. Idaħħalna f'emozzjonijiet imċarrta bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn dak li nixtiequ u dak li tassew għandna nagħmlu. Jgħinna noqorbu lejn realtà mkeffna fi ħtijet id-delitt ta' bnedmin li jippreferu l-mewt milli ħajja nieqsa mill-imħabba, ta' innoċenza fgata fil-mewt li tibqa' tfittex il-vendetta. Grasso jagħġen flimkien il-biża tradizzjonali ma' dak modern fi ġlieda bejn l-imħabba, l-għira u l-mibegħda f'kuntrast bejn iż-żewġ universi l-aktar qrib u l-aktar imbiegħda: Alla u x-Xitan. Fejn ma jibqax ħelsien minn dan il-waħx ġdid, lanqas jifdal missirijiet, ommijiet, ulied, ħbieb u ġirien. Jifdal biss bhejjem waħxija jfittxu l-uniku sodisfazzjon f'tiġwiħ id-delitt. U s-sintomu ta' din il-marda ġdida huwa l-mejt.